**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 171/18/B

Elaine Galea u Shannon Bondin
Vs
Digital Eye - Kevin Sciberras

Illum, 15 t' April, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrentiipprezentat fit-02 Novembru 2018 li permezz tieghu talbu ta' depozitu fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€ 600);

Ra illi l-intimat baqa' ma ntavolax risposta bil-miktub ghal din it-talba;

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz mressaq quddiem dan it-Tribunal r-rikorrenti ndikaw illi huma nkarigaw lill-intimat bhala l-fotografu ghat-tieg taghhom li kellu jigi celebrat fl-10 Frar tas-sena 2019. Illi l-atturi halsu depozitu ta' sitt mitt Euro (€ 600) izda ilmentaw illi huma ma kienux jistghu jaghmlu kuntatt mal-intimat u dan sabiex jiftehmu dwar dettalji ghat-tieg u l-pre wedding. Illi l-atturi jindikaw illi peress li baqghu ma ghamlu l-ebda kuntatt mal-intimat peress li kien dejjem indisponibli ghalhekk huma kellhom jinkarigaw fotografu iehor b'hekk resqu it-talba quddiem it-Tribunal ghar-refuzjoni tad-depozitu mhallas.

Illi t-Tribunal jikkunsidra opportun illi qabel xejn jaghmel referenza ghal Ligi Sussidjara 378.01 'Regoli Dwar It-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi' u ghar-Regola 4.1 u 4.2 li taqra:

> *"4.1. L-intimat ghandu tmintax-il jum biex iwiegeb ghal talba li jibdew ghaddejjin mill-jum meta huwa jigi notifikat bl-Avviz tat- Talba. Jekk l-intimat jonqos milli jwiegeb, ir-rikorrent*

*jista', skond ir-regola 6, jirrikorri lejn it-Tribunal sabiex tinhareg ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat.*

*4.2. Meta jkun qed iwiegeb l-intimat g]andu jimla Risposta ghal Talba (Formola 2) skond id-direzzjonijiet moghtija fuq il-formola. Ir-Risposta ghal Talba mbaghad tigi prezentata fir-Registru tat-Tribunal fejn ikun gie l-ewwel prezentat l-Avviz tat-Talba."*

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi intimata naqas milli jipprezenta r-Risposta bil-miktub tieghu minkejja illi hija gie debitament notifikata, tant illi huwa attenda ghas-seduti quddiem dan it-Tribunal sabiex jikkontesta t-talba.

Illi xehed bil-gurament Shannon Bondin li spejga illi hu u l-Elaine Galea pruvaw jaghmlu kuntatt mal-intimat b'diversi modi inkluz telefonati, Facebook u emails. Illi huwa jikkonferma illi huma kienu ikkuntatjaw lill-intimat ghal habta ta' Novembru 2018 u l-intimat kien infurmahom li kien ghadu zmien sabiex jiddiskutu dwar it-tieg taghhom. L-Attur jghid illi huma xtaqu l-pre wedding session f'Novembru izda l-intimat infurmahom illi z-zmien ma kienx tajjeb minhabba it-temp u li l-intimat kellu jikkuntatjahom in rigward il-pre wedding. L-attur Shannon Bondin jispjega illi hu u l-attrici Elaine Galea hassew l-intimat ma kienx *reliable* u ghalhekk intavolaw l-avviz quddiem dan it-Tribunal f'Novembru 2018.

Illi l-attrici Elaine Galea xehdet u spjegat lit-Tribunal illi huma ppruvaw jaghmlu kuntatt mal-intimat b'diversi modi izda kellhom diversi problemi sabiex jikkomunikaw mieghu. Illi x-xhud pprezentat Dok 'EG1' u cioe' l-korrispondenza kollha ma' l-intimat Kevin Sciberras.

Illi l-intimat Kevin Sciberras xehed bil-gurament u pprezenta l-kuntratt li iffirmaw il-partijiet (Dok 'KS1') fejn indika illi l-kundizzjoni tal-kuntratt taqra: *"In case of cancellation deposit is non-refundable ..."* u ghalhekk huwa ma ghandux ihallas lura d-depozitu. Illi l-istess intimat spjega illi huwa kien irrisponda permezz ta' messagg (ipprezentat bhala Dok 'KS2') fejn indika lil atturi illi kien ser jikkuntatjahom huwa tlett (3) xhur qabel id-data tat-tieg. Huwa jispjega illi ma kien ghamel kuntatt maghhom peress li qabel dan iz-zmien l-atturi ntavolaw l-avviz promutur. L-Intimat in kontro ezami ammetta illi huwa ma kienx qed jaqbad telefonati u kien jikkomunika biss permezz ta' messaggi mill-profil ta' Facebook 'Digital Eye' minhabba problem personali li huwa kellu. Ix-xhud spjega illi minn natura tal-messaggi huwa fehem illi l-materja ma kienetx urgenti (bhal bdil ta' xi hin jew *location*) u ghalhekk il-prassi tieghu li jkellem klijent tlett (3) xhur qabel id-data tat-tieg ghall-intimat kienet idoneja.

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal qabel xejn ser jghaddi sabiex jikkunsidra l-ewwel argument mressaq mill-intimat u cioe' li skont l-iskrittura datata 23 ta' Frar 2007 [Dok KS1] f'kaz ta' kancellament d-depositu jkun *'non refundable'*. Illi l-intimat donnu jsejjes id-difiza tieghu a bazi ta' *'pacta sunt servanda'* u cioe' dak li jigi maqbul bejn il-partijiet jikkostitwixxi Ligi bejniethom. Illi skont l-istess ftehim 'Wedding Booking Form' li hija *standard form contract*, l-ftehim huwa suggett ghal zewg kundizzjonijiet: "(a) *Case of cancellation deposit is non refundable* u (b) *Cancellation less than 1 month prior to wedding date all remaining balance has to be paid."* Illi l-intimat isostni illi gialadarba l-atturi ntavolaw l-proceduri odjerni f'Novembru 2018 huwa kkunsidra illi huma kkancellaw is-servizz u ghalhekk id-depozitu ghandu jigi mizmum minnhu.

Illi t-Tribunal jinnota' illi qabel xejn ghandu jigi ezaminat r-raguni tal-kancellament tas-servizz u dan peress illi f'kaz li jirrizulta illi l-kancellament kien kapriccuz jew inkella semplicement bdil tal-ftehma (ghazla ta' fotografu iehor) minn naha tal-atturi allura t-tezi tal-intimat jkollha bazi. Biss jekk l-intimat naqas mill-obbligi tieghu lejn l-atturi tant illi tant li l-istess nuqqas ikun wassal ghal kancellament tas-servizz mill-atturi ghalhekk tali tezi ma tirnexxix.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-atturi kkancellaw s-servizz tal-intimat peress illi bdew isibu diffikultajiet sabiex jikkomunikaw mal-intimat. Illi l-intimat jammetti illi huwa ma bediex jirrispondi telefonati minhabba problemi personali li huwa kien ghaddej minnhom. Illi l-intimat jsostni illi huwa wiegeb permezz ta' messaggi u li huwa informa lill-atturi illi huwa kien ser jikkonferma d-dettalji maghhom tlett (3) xhur qabel it-tieg.

Illi t-Tribunal ezamina b'reqqa d-dokumenti kollha pprezentanti. Illi mill-istess dokumenti jirrizulta illi l-atturi ghamlu diversi tenattivi sabiex jikkomunikaw mal-attur. Illi minn Dok 'EG1' jirrizultaw mhux inqas minn disgha' (9) missed calls. Illi l-intimat xehed illi l-prassi tieghu kienet illi jkellem lil klijenti tlett (3) xhur qabel it-tieg, biss mkien ma gie ppruvat illi l-partijiet kienu ftehmu dwar din il-prassi u l-anqas ma hemm indikazzjoni taghha fil-Wedding Booking Form. Illi l-intimat stess pprezenta korrispondenza mibghuta minnhu jinforma lill-atturi illi ser jikkuntatjahom f'tali perjodu ta' tlett (3) u ghalhekk jidher illi l-atturi gew infurmati f'din il-prassi f'dak iz-zmien.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi l-intimat naqas mill-obbligi tieghu lejn l-atturi u dan meta huwa ma tax kaz il-htiega tal-atturi illi talbu li jaghmlu appuntament mieghu. Illi l-attur Shannon Bondin spjega illi l-atturi xtaqu jaghmlu l-pre wedding taghhom f'Novembru u ghalhekk qabel it-tlett (3) xhur proposti mill-intimat, liema fatt seta' jigi diskuss bejn il-partijiet kieku l-intimat iltaqa maghhom. Illi jirrizulta mill-provi illi l-intimat unilateralment ddecieda illi tlett xhur qabel id-data tat-tieg kien zmien bizzejjed ghal preparazzjoni ta' pre wedding u tieg tal-atturi. Imkien ma jirrizulta illi l-intimat kien nforma lill-atturi b'din il-prassi qabel ma huma bbukjaw is-servizzi tieghu. Illi mill-

korrispondenza esebita jirrizulta car illi l-atturi xtaqu jaghmlu appuntament mal-intimat tant illi batu 10 messaggi jitolbu lill-intimat sabiex jaghmlu appuntament mieghu. Illi semplicement b'appuntament l-intimat seta' jevita' d-dizgwid kollu.

Illi ghalhekk it-Tribunal jikkunsidra illi kien hemm nuqqas minn naha tal-intimat li ma tax kaz il-bzonnijiet tal-klijenti tieghu tant illi l-anqas biss ta appuntament lill-atturi sabiex jesplora l-klijenti xi xtaqu. Kien ghalhekk illi l-atturi ikkunsidraw illi l-intimat ma kienx persuna *reliable* u intavolaw l-proceduri odjerni.

Ghalhekk it-Tribunal wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti jikkunsidra illi l-intimat naqas fl-obbligi tieghu lejn l-atturi tant illi l-azzjonijiet tieghu wasslu lill-atturi jikkancellaw s-servizz b'hekk t-talba taghhom ghar-rifuzjoni ta' depozitu ghandha tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-intimat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mitt Euro (€600).

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-intimat.

Avv. Paul Borg
Arbitru